**31 ta' Lulju, 1990**

**Imħallfin: –**

**Onor. Prof. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S., – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can. (Rome), LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubbllika ta' Malta

*versus*

Francis *sive* Ċikku Attard

**Espert nominat mill-Qorti – Esperjenza Professjonali tiegħu – Teknika ta' Identifikazzjoni ta' Kadavru – Stqarrijiet ta' Xhud – Ammissibilità ta' Xhud**

*Jinkombi fuq il-Qorti Kriminali li fl-istadju opportun tispjega lill-ġurati mhux biss f'hiex jikkonsisti l-proċess ta' identifikazzjoni, iżda ukoll li għandhom id-dover li joqogħdu attenti li ma jattribwux lis-sistema in kwistjoni xi infallibilità u li għalhekk ikun perikoluż li jistrieħu fuqu biss jekk ma jirriżultawx provi oħra dwar l-identità tal-mejjet.*

*Trattandosi ta' esperti f'diversi kampijiet ta' studju, dejjem kienet il-prattika li dak li jkun, l-ewwel u qabel kollox, jagħti dettalji dwar l-esperjenza professjonali tiegħu biex il-ġurati jitpoġġew fil-posizzjoni li mhux biss ikollhom konferma li verament si tratta ta' bniedem espert, iżda wkoll biex a bażi ta' l-informazzjoni relattiva, ikunu jistgħu jaraw x'piż għandhom jew m'għandhomx jagħtuh.*

*Bħala massima stqarrijiet ta' xhieda m'għadhomx ikunu ammessi aprioristikament bħala prova peress li ma jistgħux jissostitwixxu x-xhieda viva voce tad-dikjaranti. Il-parti li ġġib ix-xhud ma tistax tattakka l-kredibilità tiegħu bi prova tal-kondotta ħażina tiegħu, iżda hija tista' tikkontradiċih bi prova oħra, u tista' ukoll tipprova li f'okkażjonijiet oħra huwa kien għamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xhieda li jkun qiegħed jagħti u dan purchè li jiġu osservati l-modalitajiet imposti bl-artikolu 586 tal-Kap. 12.*

*Meta xhud dikjarat ma jkunx identifikat biżżejjed u anqas ma toħroġ ċar ir-relevanza tiegħu, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma tiddisturbax id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali li dak ix-xhud mhux ammissibbli.*

Il-Qorti: – Rat l-att ta' l-akkuża numru 4 ta' l-1989;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tad-29 ta' Settembru, 1989;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-akkużat Attard ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 1989 li permezz tiegħu filwaqt li interpona appell mid-deċiżjoni msemmija tal-Qorti Kriminali talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara illi l-eċċezzjonijiet imsemmija tiegħu jiġu akkolti kif ukoll li x-xhieda elenkati 19 u 20 fil-lista tiegħu huma xhieda ammissibbli skond il-liġi;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukàt Ġenerali ppreżentat ukoll fl-4 ta' Ottubru, 1989 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat l-isfilz tad-dokumenti JM1 u JM2 u minflok tordna li l-istess dokumenti għandhom ikomplu jifformaw parti mill-atti tal-proċess fil-kawża fl-ismijiet premessi u tikkonfermaha fil-bqija;

Rat l-atti kollha rilevanti għal dawn iż-żewġ appelli;

Rat ukoll id-dokumenti rilevanti esibiti kif ukoll eżaminat il-kontenut taż-żewġ *video recordings* KB2 u JD2;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn jiġi premess illi b'verbal fis-seduta ta' l-20 ta' Marzu, 1990 id-difensuri ta' l-akkużat u l-Avukat Ġenerali qablu illi tingħata sentenza waħda fiż-żewġ appelli;

*Omissis;*

Ikkunsidrat dwar l-aggravju ta' l-akkużat appellant rigwardanti l-ewwel eċċezzjoni tiegħu ċjoè dik li permezz tagħha kien eċċepixxa kif ġej: "Illi fil-kors tal-kumpilazzjoni ntwerew "*video tapes*" dwar il-metodi tal-"*cranio facial superimposition*", liema "*tapes*", ċjoè dokumenti KB2 u JD2 mhumiex provi ammissibbli skond il-liġi peress illi kwantu għal "*video tape*" minnhom m'għandu l-ebda rilevanza għall-każ bħala tali stanti li hu ta' natura kummerċjali, pubbliċitarja u żgur li tinfluwenza inutilment lil min irid jiġġudika l-fatti u l-ieħor hu ripetizzjoni ta' provi ġa miġjuba";

Kif diġa ngħad, din il-Qorti eżaminat bir-reqqa u fid-dettal tagħhom iż-żewġ "*video tapes*" *esibiti (dok. KB2 u JD2)* u waslet għall-konklużjoni li anki fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni l-aggravju ta' l-akkużat huwa infondat u dan kemm għar-raġunijiet miġjuba mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata kif ukoll għar-raġunijiet segwenti:

A) Dwar il-"*video tape*" JD2:

*i)* L-espert tal-Qorti Professur Kenneth Brown permezz tad-digriet ta' nomina msemmi ġie proprju nominat biex fost l-eżamijiet li kellu jagħmel jinkludi dak ta' "*Video Superimposition*" u dan *it-tape inter alia* juri l-eżami ta' "*video superimposition*" tal-kranju mibgħut minn Malta ma' diversi ritratti ta' uċuh ta' diversi persuni;

ii) Il-proċess kollu ta' "*cranio-facial superimposition*" fil-fehma ta' din il-Qorti, kif fil-fatt hemm spjegat fit-*tape* l-ieħor Dok KB2 huwa proċess li proprju jutilizza "*video superimposition*" tal-kranju ma' ritratt tal-wiċċ u t-*tape* Dok

JD2 juri proprju kif il-Professur Brown ikkonduċa dan l-eżami permezz ta' *"video superimposition"*;

iii) L-istess *tape*, imbagħad, juri:

a) it-tneħħija tal-*"facial reconstruction"* li kienet saret fuq il-kranju *de quo;*

b) l-issiġillar ta' l-iskeletru *de quo* ġo kaxxa ta' l-injam qabel ma din intbagħtet l-Awstralja;

ċ) il-ftuħ ta' l-istess kaxxa fl-Awstralja;

d) l-issiġillar ta' l-iskeletru f'kaxxa ta' l-injam fl-Awstralja qabel ma din intbagħtet lura Malta;

e) il-ftuħ tal-kaxxa wara li waslet lura Malta;

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-iffilmjar fuq *"video tape"* ta' dawn il-proċessi kollha hu fl-ewwel lok kopert mid-digriet tat-18 ta' Marju, 1988 tal-Qorti Kriminal tal-Maġistrati ġa msemmi li infatti awtorizza l-iffilmjar fuq *"video tape"* taż-żarmar tar-*"reconstruction"* u l-issiġillar u ftuħ tal-kaxxa kontenuti l-iskeletru *de quo* u fit-tieni lok hu neċessarju biex jiġi stabbilit jekk dak li ġie ordnat fir-rigward minn din il-Qorti ġiex osservat jew le;

B) Dwar il-*"video tape"* Dok KB2:

i) L-istess *tape* huwa komplimentari għat-*tape* l-ieħor Dok JD2 billi primarjament jispjega f'hiex jikkonsisti l-proċess ta'

*"Cranio Facial Superimposition"* kif żviluppat fid-dipartiment ta' l-Odontoloġija fl-Università ta' Adelaide, l-Awstralja li jidderiġi l-istess Professur Brown li applika l-istess proċess fir-rigward *tal-kranju mibgħut lilu minn Malta fuq ordni tal-Qorti* Kriminali tal-Maġistrati liema proċess imabgħad hu deskritt fit-*tape* Dok. JD2;

ii) Fl-istess *tape* l-element publiċitarju li qed jilmenta minnu l-akkużat appellant mhux biss hu minnu u relattiv ħafna iżda, kif spjegat l-ewwel Onorabbli Qorti, l-istess *tape* huwa oġġettiv ħafna u bl-ebda mod ma jivvanta pretensjonijiet ta' assolutezza u infallibilità, anzi l-istess Professur Brown jammetti u jispjega fih illi l-proċess kollu minnu żviluppat u użat għadu fi stadju ta' studju u hu l-każ illi jiġi studjat ulterjorment u f'dan is-sens l-istess filmat huwa bilanċjat u oġġettiv ħafna;

iii) L-importanza ta' dan it-*tape* imbagħad taċċentwa ruħha proprju għaliex l-istess Professur Brown hu ddikjarat bħala xhud u għall-fini tax-xhieda tiegħu mhux biss l-istess *tape* huwa komplimentari iżda għandu l-użu li jassistih biex jispjega bl-aħjar *mod ċjoè dik viżwali, f'hiex jikkonsisti l-istess proċess;*

Ma' dan kollu, din il-Qorti tħossha fid-dover li tiġbed l-attenzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti illi:

a) il-proċess ta' *"Cranio Facial Superimposition"* ġie proprju indikat mill-Qorti ta' Istruttorja fil-kors tal-Kumpilazzjoni;

b) illi dan però m'għandux ifisser u ma jfissirx li l-istess proċess ġie mogħti xi rikonoxximent ta' infallibilità;

ċ) illi f'dawn iċ-ċirkostanzi kollha, għalhekk, jinkombi fuq il-Qorti Kriminali li fl-istadju opportun tispjega lill-ġurati mhux biss f'hiex jikkonsisti dan il-proċess iżda ukoll li għandhom id-dover li joqogħdu attenti li ma jattribwux lil din is-sistema xi infallibilità iżda anzi li l-istess inventur tiegħu jammetti li għad mhux perfezzjonat u għad irid jiġi żviluppat ulterjoment u li għalhekk ikun perikoluż li jistrieħu fuqu biss jekk ma jirriżultawx provi oħra dwar l-identità tal-mejjet;

Din il-Qorti, però, ma tarax li ċ-ċirkostanzi huma tali li tista' tippriva lill-Prosekuzzjoni mill-prova konsistenti f'dawn iż-żewġ *video tapes* li wara kollox hi prova li ġiet magħmula mill-Qorti Istruttorja;

*Anki dan l-aggravju għalhekk qed jiġi respint;*

Illi l-aggravju l-ieħor li ser jiġi kkunsidrat hu dak relattiv għar-raba' eċċezzjoni ta' l-akkużat u ċjoè dik li biha eċċepixxa illi "mid-deposizzjoni ta' Dr. Kenneth Brown jiġu sfilzati dawk il-partijiet illi m'għadhom ebda rilevanza bħala prova għall-ħila u kapaċità tiegħu bħala espert in materja u li kwindi huma superfluwi u mhux prova ammissibbli skond il-liġi";

L-ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni u l-akkużat appellant issa qed jilmenta billi jissottometti illi "espert irid jixhed – dak li jgħid jikkostitwixxi prova sakemm hu bbażat fuq ħila u kapaċità tiegħu. M'hemmx dubju liema huma dawn il-partijiet u sa fejn jaf l-esponent hu ma kellu jippreżenta l-ebda nota f'dan ir-rigward";

Indipendentement mill-kwistjoni jekk l-appellant kellux

jindika b'nota l-partijiet li għalihom kellu oġġezzjoni u irrispettivament min jekk fi kwalunkwe każ kienx il-każ li anki jekk ma kien hemm ebda verbal f'dan is-sens kienx naturali li jindika dawk il-partijiet, din il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa x-xhieda ta' Prof. K. Brown in kwantu tirrigwarda l-esperjenza tiegħu fil-kamp professjonali in materja ta' *medicina-forensi,* ma tarax li hemm xi parti li hija rrilevanti jew li għal xi raġuni oħra hija inammissibbli. Fil-fatt kif anki spjegat l-ewwel Onorabbli Qorti, trattandosi ta' esperti f'diversi kampijiet ta' studju, dejjem kienet il-prattika li dak li jkun, l-ewwel u qabel kollox, proprju jagħti dettalji dwar l-esperjenza professjonali tiegħu biex il-ġurati jitpoġġew fil-posizzjoni li mhux biss ikollhom konferma li verament si tratta ta' bniedem espert iżda ukoll biex a bażi ta' l-informazzjoni relattiva jkunu jistgħu jaraw x'piż għandom jew m'għandhomx jagħtuh;

Anki fl-istadju tat-trattazzjoni ta' l-appell ma inġiebet ebda raġuni li tista' b'xi mod tikkonvinċi lil din il-Qorti biex tvarja din il-parti tad-deċiżjoni u għalhekk anki dan l-aggravju qed jiġi respint;

Ikkunsidrat:

Illi bil-ħames eċċezzjoni tiegħu l-akkużat kien talab li kull riferenza fil-proċess għal xi allegat inċident ta' meta huwa suppost li tqarben f'xi okkażjoni m'għandux jiġi ammess bħala prova peress illi mhux ammissibbli, mhux rilevanti u tista' teffettwa inutilment lill-ġurati;

L-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata f'ċertu sens kienet laqgħet din it-talba iżda ''peress li tista' tkun ammissibbli

jekk l-akkużat jieħu ċerta attitudni fil-kors tal-ġuri,'' dik il-Qorti rriservat ''li tagħti l-provvediment opportun fil-mument illi jkun waqt is-smigħ tal-ġuri'';

Issa l-appellant qed jilmenta illi l-limitazzjoni li saret mill-ewwel Qorti mhix skond il-liġi;

Illi effettivament, dak li l-ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet kien proprju li *rebus sic stantibus* tiddikjara dik il-prova inammissibbli iżda ipprevediet li l-istess prova tista' tkun rilevanti u għalhekk ammissibbli f'ċerta eventwalità u għalhekk ma eskludithiex kompletament;

Verament din il-Qorti ma tarax li tista' tiddisturba d-*diskrezzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti jekk dehrilha li jista'* jkun hemm in-neċessità li din il-prova tkun ammissibbli. Wara kollox, dik il-Qorti ma qalitx li f'dik l-eventwalità, li mà speċifikatx x'inhi hi, kienet ser tammetti din il-prova iżda li tara hux il-każ li tammettiha. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ din il-Qorti ma tarax li tista' tkun aktar kategorika minn dik il-Qorti u għalhekk qed tirrespinġi dan l-aggravju ukoll;

Ikkunsidrat:

F'dan l-istadju għall-fini ta' prattiċità din il-Qorti sejra tikkonsidra l-aggravju ta' l-akkużat appellant rigwardanti t-tieni eċċezzjoni tiegħu flimkien ma' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali peress li anki dan jirrigwarda l-istess eċċezzjoni;

Permezz ta' dik l-eċċezzjoni l-akkużat kien eċċepixxa illi ''l-istqarrijiet ta' Patrick Calleja u Louise Calleja, dokumenti

JM1 u JM2 m'humiex prova skond il-liġi, peress illi xhud irid jixhed *viva voce* u kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula minn xhieda fid-Depot m'għandha l-ebda rilevanza;''

L-ewwel Onorabbli Qorti kif ġa spjegat fis-sentenza appellata filwaqt li ordnat l-isfilz ta' dawn iż-żewġ dokumenti ddikjarat li kienet ser tippermetti lill-Prosekuzzjoni tirreferi għall-istqarrijiet JM1 u JM2 jekk fid-deposizzjoni tagħhom iż-żewġ xhieda jiddipartixxu mill-istqarrija li huma diġa għamlu, jekk ikun il-każ;

L-akkużat appellant mhux qed jaqbel li l-Prosekuzzjoni tista' taħgmel użu minn *statements* mogħtija lill-Pulizija biex tikkontrolla xhud. L-akkużat inoltre jissottometti illi l-Avukat Ġenerali jista' jikkontrolla xhud tiegħu bil-permezz tal-Qorti bit-testimonjanza li jkun ta fl-istadju tal-Kumpilazzjoni. Jekk irid imur oltre għandu jiddikjara x-xhud bħala wieħed ostili u jidħlu għalhekk *in vigore* ċerti disposizzjonijiet tal-liġi;

L-Avukat Ġenerali, min-naħa tiegħu qiegħed jippretendi li l-isfilz ma kellux jiġi ordnat mill-ewwel Onorabbli Qorti għaliex m'hemmx dubju li l-istess stqarrijiet huma rilevanti u għal finijiet ta' konfront huma minn issa ammissibbli;

Ikkunsidrat:

Illi bħala sfond jingħad illi l-istqarrijiet JM1 u JM2 jinsabu fl-atti tal-Kumpilazzjoni peress li quddiem il-Qorti ta' Istruttorja saret talba ta' l-Avukat Ġenerali permezz ta' rinviju għall-esibizzjoni ta' l-istess stqarrijiet għall-fini ta' kontroll liema talba ġiet esegwita;

Il-bżonn ta' kontroll, però jista' jinqala' daqs kemm jista' ma jkunx hemm bżonnu. Għalhekk, fil-fehma tiegħu ma hemm ebda kontradizzjoni f'dak li ġie deċiż mill-ewwel Onorabbli Qorti u dan billi:

a) hu ovvju li bħala massima l-istess stqarrijiet m'għandhomx ikunu ammessi aprioristikament bħala prova fuq is-sempliċi bażi li ma jistgħux jissostitwixxu x-xhieda *viva voce* tad-dikjaranti speċjalment meta hu konstatat li l-istess dikjarazzjonijiet ġew esibiti minn uffiċċjal tal-Pulizija. Infatti jekk dan l-uffiċjal għal xi raġuni ġustifikata *ma jkunx jista'* jixhed fil-ġuri tinqara x-xhieda tiegħu li fil-fatt tkun tikkonsisti in parti f'dawn id-dikjarazzjonijiet u dan hu inaċċettabbli;

b) fi kwalunkwe każ hemm l-artikolu 585 tal-Kap. 12 rez applikabbli għall-proċessi Kriminali bl-artikolu 645 tal-Kap. 9 in virtù ta' liema l-parti li ġġib ix-xhud *ma tistax tattakka l-kredibbilità* tiegħu bi provi tal-kondotta ħażina tiegħu, iżda hija tista' tikkontradiċih bi provi oħra, u tista' ukoll tipprova li f'okkażjonijiet oħra huwa kien għamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xhieda li jkun qiegħed jagħti u dan purchè jiġu osservati l-modalitajiet imposti bl-artikolu 586 tal-Kap. 12;

ċ) illi l-ħtieġa ta' dawn iż-żewġ dokumenti għalhekk tista' *se mai tinqala'* biss jekk ikun hemm il-bżonn ta' kontroll taż-żewġ xhieda in kwistjoni u għal din il-kontinġenza tipprovdi l-liġi li għaliha *del resto* l-ewwel Onorabbli Qorti rriferiet;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li m'għandu jiġi disturbat xejn minn dak li l-ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni ta' l-akkużat;

Jibqa' biss jiġi kkunsidrat l-aħħar aggravju ta' l-akkużat appellant li jirrigwarda t-talba tiegħu għall-produzzjoni tax-xhieda indikati bin-numri 19 u 20;

L-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata ċaħdet it-talba għall-produzzjoni ta' dawn iż-żewġ xhieda peress li la huma identifikati biżżejjed u lanqas ma toħroġ ċara r-rilevanza tagħhom;

Issa l-akkużat qiegħed jissottometti illi l-istess xhieda għandhom jiġu ammessi peress li l-identifikazzjoni tagħhom saret u tista' tiġi kkontrollata;

Minn dan kollu, però, fil-proċess ma jirriżulta xejn u anqas saru xi provi fir-rigward fl-istadju ta' l-appell;

Għalhekk din il-Qorti ma tarax kif tista' tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddisponi mill-appell ta' l-akkużat u minn dak ta' l-Avukat Ġenerali billi tiċħadhom it-tnejn u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. Il-Qorti tibgħat l-atti luri lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.